MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 635/2014

**Go p.l.c**
**C 22334**

**Vs**

**Sheret Richard Cartwright**
**ID 30326A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmien Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€608.27) in konnessjoni ,a' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 40160565).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut wara li kien debitament notifikat deher ghas-seduta u nforma lit-Tribunal illi kien ser jilhaq ftehim mas-socjeta' attrici.

Illi sussegwentament is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' cessjoni fir-rigward tas-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba limitatament ghall-ispejjez li ghandhom jithallsu mill-konvenut filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba fir-rigward tas-sorte.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------